MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Numru. 259/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian Joseph Abdilla]**

**vs**

**Isaac Wood**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Isaac Wood detentur tal-karta tal-identita` numru 175679(M).

Akkuzat talli f'Lulju 2002, u fix-xhur ta' qabel, fl-Imsida u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi

xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 121A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn att/i, kitba, jew skrittura/I foloz;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.
(Dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sew xjentament jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partikolarita`sostanzjali f'xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir bl-Att jew taht l-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 76 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta)

Rat it-talba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll li l-imputat jkun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (nautical licence) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat it-talba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat it-talba sabiex fil-kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti processwali kollha inkluz l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti.

Rat ukoll ix-xhieda u d-dokumentazzjoni pprezentati tul dan il-process.

Rat ukoll id-dokumenti kollha mahruga mill-Malta Maritime Authority;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi waqt il-proceduri, id-difiza eccepiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali li tali eccezzjoni giet sussegwentement michuda mill-Qorti tal-Appell.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat gie akkuzat b'diversi akkuzi fosthom li weighed lil xi hadd xi vantagg jew haga ohra sabiex tinhariglu l-licenzja marittima b'mod irregolari u li ghamel dikjarazzjoni falza fl-otteniment ta' din il-licenzja u li ghamel uzu minn din il-licenzja hekk illegalment ottenuta. Illi din id-dikjarazzjoni kienet mehtiega sabiex l-imputat ikun jista jottjeni l-licenzja nawtika.

Illi mill-provi prodotti partikolarment mix-xhieda ta' Dr. Robert Vassallo ghan-nom tal-Awtorita` Marittima, irrizulta illi l-imputat ghalkemm kellu din il-licenzja, ma kienx hemm record illi huwa qatt attenda l-kors li kien obbligatorju ghal hrug ta' din il-licenzja. Dan ix-xhud pero` qatt ma kkonferma li effettivament kien hemm xi haga irregolari fil-file tal-imputat, kull ma qal kien li ghamel ricerka u li l-imputat kien ipprezenta certifikat li juri li hu kien qaghad u ghadda mill-ezamijiet ta' Basic Seaman and Safe Boat Handling Course.

Illi mix-xhieda ta’ Stephen Farrugia li hu *Lecturer* fi hdan l-MCAST, dan xehed illi mit-tfittxija li ghamel irrizulta li l-imputat ma kienx ghamel l-ezami ghall-hrug tal-licenzja nawtika u li kkonferma li d-Dokument IA2 huwa fotokopja ghaliex is-soltu jkun bil-kuluri.

Illi apparti dawn ix-xhieda, l-unika prova ohra li tista’ taghti aktar dawl lil dawn il-proceduri hi l-istqarrija tal-imputat illi huwa qal li kien irrangalu kollox missieru u kien jiftakar li forsi kien iffirma xi karta hu u li ta xi ritratt izda aktar ma jafx. Huwa jghid illi l-licenzja gabielu missieru.

Illi ghalhekk, in mankanza ta’ prova ohra fil-kuntrarju, il-Qorti ser temmen il-verzjoni tal-imputat u tiddikjara li l-ewwel akkuza jigi liberat minnha stante li ma giex ippruvat ness dirett bejn l-imputat u xi persuna ohra.

Illi a rigward it-tieni u t-tielet akkuzi, u cioe` illi l-imputat ghamel uzu minn xi dokument, jinghad illi meta l-imputat applika li tinhariglu l-licenzja a fol. 32 fejn hemm il-firma tieghu, huwa annetta wkoll id-dokument a fol 33 fejn hemm ukoll hemm ukoll il-firma tieghu fuqha u li f’dan id-dokument hemm it-timbri kollha li juru li dan kien ghadda mill-ezami tal-MCAST. Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat iddikjara illi huwa effettivament qatt ma ghamel dan l-ezami.

Illi a rigward li l-imputat ghamel dikjarazzjoni falza, huwa ammetta illi il-firma fuq dokument a fol 32 hija tieghu. Illi f’dik l-applikazzjoni huwa kien qieghed jiddikjara li jrid japplika ghal-licenzja nawtika. Illi sa hawn ma hemm xejn hazin ghaliex bis-sewwa jew bil-hazin, l-imputat verament ried japplika ghal-licenzja nawtika. Illi pero` jekk wiehed jerga’ jirreferi ghall-istqarrija tieghu, fejn huwa kkonferma li l-kitba u l-firma kienu tieghu u li hu kien jaf li biex jottjeni licenzja nawtika huwa ried jaghmel xi tip ta’ ezami li kif inghad hawn fuq, huwa qatt ma ghamlu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 121A (1), 184, 186 u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 76 tal-Kap. 352 li issa gie sostitwit bl-Artikolu 44(3) u (5)

ta' L.S. 499.52 tal-Kap 499 qed issib lill-imputat Isaac Wood hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief ghall-ewwel (1) akkuza u stante li t-tieni (2) u tielet (3) akkuza huma komprizi u stante li anke li r-raba (4) u l-hames (5) akkuza huma komprizi f'xulxin, ghal dawn il-motivi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat Isaac Wood ghal perjodu ta' sbatax-il (17) prigunerija sospizi ghal sentejn (2) filwaqt li tordna l-iskwalifika tal-licenzja nawtika ghal zmien sena (1) dekorribbli minn meta jottjeniha.

Finalment, spejgat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------